MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 41

23 ta' Awwissu 2022

Minuti tas-seduta Nru. 41 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 23 ta' Awwissu 2022 fis-6.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti fiżikament.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet u irrekordjata. L-istess *recording* jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.1. Minuti

1.2. Il-minuti tas-Seduta Nru. 40, li saret fil-18 ta' Lulju 2022, ġew approvati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku: Minutes List (gov.mt)

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

## 2.1.1. Asfaltar ta' Triq it-Tabib Joseph Grech Attard (T/4/7/Vol III)

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.1.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li huwa ġie avviċinat minn xi residenti tat-triq imsemmija u anke mill-iScouts tal-Mellieħa, li lmentaw illi bit-triq kif ġiet imwittija qed ikun hemm titjir ta żrar u trabijiet. Għaldaqstant qed jintalab li ssir *one-way* bid-dħul minn Triq il-Fortizza.

2.1.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li ma għandhomx jittieħdu iktar miżuri proviżorji, iżda għandha ssir pressjoni fuq Infrastructure Malta sabiex isir l-asfaltar tat-triq.

## 2.2.1. Iljieli Melleħin 2022 (A/5/3/5/Vol V)

2.2.2. Is-Sindku D. Vella rrefera għall-Iljieli Melleħin li żvolġew bejn id-29 u l-31 ta' Lulju 2022. Huwa qal li kien hemm kummenti sbieħ dwarhom u rringrazzja lill-impjegati tal-Kunsill kif ukoll lill-Viċi Sindku J. Buttigieg u lill-Kunsilliera A. Brincat Stellini, li flimkien ikkordinaw l-attivitajiet varji li kien hemm.

2.2.3. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini kkummentat li bit-tneħħija ta' Triq Ġorġ Borg Olivier ġew eliminati l-inkonvenjenzi kemm għar-residenti, kif ukoll għal min juża s-servizz tal-karozzi

tal-linja. Hija aċċennat ukoll għan-nuqqas ta' konkorrenza mill-pubbliku għall-kant mill-korrijiet li jsir fis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa, u pproponiet li dan jibda jsir fil-Bitħa tas-Santwarju minħabba s-sħana.

2.2.4. Il-Kunsill innota l-kummenti li saru.

## 2.3.1. Ħannieqa Kotba Melleħin (P/3/5)

2.3.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 2.3.1. tas-seduta ta' qabel u għarrfet li s-Sur Joseph Cachia, għadda l-materja li jixtieq jinkludi fil-ktieb dwar il-memorji tiegħu fuq il-ħajja fil-Mellieħa.

2.3.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono qal li l-materjal jinkludi kemm poeżija u anke proża. Hekk kif jiġu mgħoddija r-ritratti, tkun tista' issir il-paġinazzjoni approssimativa tal-ktieb u jintalbu stimi nvoluti fl-istampar tiegħu.

2.3.4. Il-Kunsill innota l-progress li sar.

## 2.4.1. Titjib ta' *culvert* eżistenti bejn Triq Ta' Taħt l-Irdum u Triq in-Nixxiegħa (T/4/12/Vol II)

2.4.2. Il-Kunsillier J. Gauci staqsa dwar jekk hemmx pjanijiet sabiex l-ilma tax-xita li jinżel minn Triq in-Nixxiegħa ma jibqax jakkumula wara ħajt ta' qatgħa vojta fi Triq in-Nixxiegħa. Huwa qal li parti minn dan l-ilma qed imur fil-bini ta' biswit din il-qatgħa u jikkawża d-danni.

2.4.3. Ittieħdet nota tal-punt imqajjem.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

## 3.1.1. Installazzjoni ta' CCTV fil-Park tal-Familja u Gnien Dun Anton Debono (C/9)

3.1.2. -Kunsillier K. Buttigieg rrefera għall-kuntratt li jinvolvi l-installazzjoni ta' sistema CCTV fil-Park tal-Familja u fi Ġnien Dun Anton Debono. Huwa staqsa dwar jekk is-sistema hijiex ser tkopri l-parti fejn hemm il-ġirna.

3.1.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb li s-sistema tkopri il-*court*, l-*picnic area*, parti mit-trakka, u l-area fejn hemm l-*outdoor gym* u l-*playhouse*.

## 3.2.1. Tismija ta' turġien pubbliċi f'Santa Marija Estate (T/4/1/Vol III)

3.2.2. Il--Kunsillier J. Gauci aċċenna li l-parti l-kbira tat-turġien pubbliċi fiż-żona ta' Santa Marija Estate, għadhom bla isem u għalhekk għandhom jingħataw isem uffiċjali u hekk tkun tista' issir referenza iktar preċiża.

3.2.3. Il-Kunsill approva l-proposta u ddeċieda li dawn ikunu ta' siġar u pjanti li jinsabu fil-Wied ta' Għajn Żejtuna.

## 4.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 18/08/22;
- Skeda ta' Infieq li sar permezz tal-*Petty Cash* - 28/06/22 – 16/08/22;
- Skeda ta' Pagamenti – 16/07/22 – 19/08/22;
- Rendikont Finanzjarju – Jannar/Marzu 2022;
- Rendikont Finanzjarju – April/Ġunju 2022;
- Minuti – Kunsill Reġjonali Tramuntana – 13/07/22;
- Aġenda – Kunsill Reġjonali Tramuntana – 03/08/22;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. Tisbiħ ta' Misraħ il-Parroċċa u t-toroq tal-madwar (P/4/3/Vol IV)

5.1.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li fit-12 ta' Awwissu 2022 saret preżentazzjoni mill-Perit Roderick Spiteri li kien inkarigat mill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu sabiex jfassal proġett li jinvolvi l-pavimentar ta' Misraħ il-Parroċċa, Triq Salvinu Camilleri, u Triq l-Inkurunazzjoni. Fil-preżentazzjoni ġie spjegat li, fuq insistenza mis-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali, id-diżinn oriġinali tal-pavimentar inbidel minn strixxi diagonali għal żewġ kwadranti li jokkupaw l-ispazju kollu tal-pjazza. Kien spjegat ukoll li s-*service culvert* eżistenti ser jiġi estiż biex ikopri wkoll il-ġenb ta' maz-zuntier tal-knisja, filwaqt li l-toqob użati għall-armar tal-festa ser jibqgħu fl-istess post li jinsabu fiħ attwalment. L-aċċess bil-vetturi għall-bieb ewlieni tas-Santwarju ser jibqa'.

5.1.3. Saret referenza għall-mistoqsija mill-Kunsillier E. Bartolo dwar jekk il-proġett jinvolvix l-kostruzzjoni ta' pont bejn Triq l-Inkurunazzjoni u l-*playing field* ta' Triq l-Erwieħ. Il-Perit Spiteri wieġeb li din il-faċilità ma kinitx inkluża fl-inkarigu li huwa ngħata.

5.1.4. Sar aċċenna wkoll għall-punt imqajjem mill-Kunsilliera A. Brincat Stellini li staqsiet dwar jekk fit-tfassil tal-proġett ittieħdux in konsiderazzjoni permessi eżistenti għall-imwejjed u siġġijiet, u oħrajn li jistgħu joħorġu aktar 'il quddiem. Waqt il-preżentazzjoni, is-Sur S. Stellini, mill-Ministeru tat-Turiżmu, wieġeb li dak huwa fattur li qed jiġi kkunsidrat independentement minn dan il-proġett u fil-fatt qed jitfassal pjan ħollistiku fuq dan l-aspett.

5.1.5. Mistoqsija oħra li saret waqt il-preżentazzjoni kienet mill-Viċi Sindku J. Buttigieg li ġibed l-attenzjoni dwar pjanijiet li għandu l-Kunsill sabiex jinstalla dwal ornamentali fi Triq Salvinu Vella pariġġ dawk eżistenti fil-Misraħ, kif ukoll l-proġett tal-lift panoramiku. Huwa qal li dawn jeħtieġu t-tqegħid ta' *sleeves* taħt il-pavimentar u allura jkun tajjeb li jiġu nklużi max-xogħlijiet. Il-Perit Spiteri wieġeb li dawn jistgħu jiġu nklużi bla diffikultà.

5.1.6. Apparti mill-kelliema msemmija għan-naħa tal-Awtorità għall-preżentazzjoni attendew ukoll: il-Perit K. Fsadni, is-Sinjuri Stephanie Attard, Diane Parnis. Għan-naħa tal-Kunsill attendew: Is-Sindku D. Vella, il-Kunsillieri K. Buttigieg, R. Bartolo Cutajar, u G. Micallef, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv C. Debono.

5.1.7. Il-Kunsill Lokali ra d-disinn propost tal-pavimentar kif ukoll l-użu tal-porfido u l-ġebel tal-qawwi bħala materjali tal-pavimentar. Il-Kunsill ra wkoll l-aħħar disinn tal-pavimentar spjegat mill-Perit Spiteri u dehrlu li jmur maż-żona ta' konservazzjoni urbani.

5.1.8. Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, intbagħtet nota ta' approvazzjoni dwar il-Proġett ta' Rinovar propost, kif deskritt fil-pjanta ref: MS_03, sakemm:

(a) Jinżamm kuntatt kontinwu mal-Kunsill matul il-kors tax-xogħlijiet dwar ħtiġijiet li jinqalgħu, li forsi ma kinux ittrattati fl-ippjanar tal-proġett, bħat-tqegħid ta' *sleeves* b'rabta mad-dwal tat-toroq u attrezzi oħra li jistgħu jsiru aktar 'il quddiem;

(b) Tinżamm l-formazzjoni eżistenti tal-ħofor użati għall-armar tal-festa, sabiex ma jintilifx is-*set up* tradizzjoni tal-festa; u

(c) L-aċċess għall-vetturi jibqa' fi Triq l-Inkurunazzjoni sal-bieb prinċipali tas-Santwarju tal-Mellieħa.

5.1.9. Il-Kunsill irratifika l-kontenut tan-nota msemmija.

5.2.1. **Arranġamenti għall-Festi ta' San Ġużepp u l-Vitorja** **(F/2/1)(F/2/Vol VII)**

5.2.2. Ġie spjegat li l-festa ta' San Ġużepp fil-Manikata mhux ser issir bħas-soltu, għaliex din id-darba ser ikun hemm biss purċissjoni bl-istatwa ta' San Ġużepp, mingħajr il-banda, nhar is-Sibt 27 ta' Awwissu. Ser ikun hemm attività soċjali fil-25 ta' Awwissu, u żewġ wirjiet tal-vetturi fit-23 u fit-28 ta' Awwissu.

5.2.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li saru tliet laqgħat dwar il-kordinazzjoni tal-festi titulari fil-Manikata u l-Mellieħa bil-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati kollha, inkluż il-Pulizija, Transport Malta u l-Malta Public Transport. Huwa spjega li apparti tibdiliet żgħar li kien hemm minn edizzjonijiet passati, hemm:

- Id-dħul tal-karozzi tal-linja fi Triq Edward Camilleri fis-6, is-7 u t-8 ta' Settembru fil-ħinijiet li Triq Ġorġ Borg Olivier u Triq il-Kbira jkunu magħluqin; u

- Ir-rotta tal-*minibus shuttle* tas-7 u t-8 ta' Settembru se tiġi estiża għal tul Triq il-Kbira sa Triq in-Naħal, u tkompli fi Triq Lewis Wettinger u Triq Edward Camilleri. Intalab servizz ta' uffiċjal minn Transport Malta sabiex jissorvelja t-traffiku bejn il-5:00pm u 11:00pm fis-7 ta' Settembru, u l-għada bejn l-4:00pm u l-11:00pm.

5.2.4. Il-Kunsill ġie mgħarraf li saret talba mill-Għaqda tan-Nar Maria Bambina dwar il-ħlas tas-servizzi meħtieġa mid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili li jammonta għal €788.51.

5.2.5. Il-Kunsillier G. Micallef għarraf li l-organizzazzjoni mhux governattiva Żibel Malta qed tieħu inizjattiva biex tpoġġi xbieki armati fuq strutturi tal-ħadid sabiex fihom jkunu jistgħu jintremew kontenituri tal-plastik fejn ikun hemm festi titulari. Dawn ikunu mdawwla sabiex jattiraw l-attenzjoni tal-pubbliku, sa minn ġimgħa qabel il-festa, bi spiża ta' €295.

5.2.6. Is-Sur G. Micallef ippropona wkoll li l-*mobile toilets* li ser jinġiebu fil-jiem tal-Festa, jiġu ndikati fuq pjanta u jittellgħu fil-medja soċjali bil-għan li l-pubbliku jkun jaf bihom. Issuġġerixxa wkoll li jiżdiedu l-litter bins.

5.2.7. Il-Kunsill innota u approva l-arranġamenti diskussi, kif ukoll li jkopri s-servizzi meħtieġ mingħand id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, flimkien mal-ispejjeż marbuta mal-forzi tal-ordni u l-faċilità offruta mill-organizzazzjoni Żibel Malta.

**5.3.1. *Eco-Market* f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II u l-*European Mobility Week*** **(A/6/3/2/Vol 80) (A/4/5/Vol IV)**

5.3.2. Saret referenza għal imejl datat 18 ta' Awwissu 2022 mibgħut mill-Events Services Ltd li jorganizzaw l-Eco Market fejn talbu li fis-17 u t-18 ta' Settembru 2022 jitneħħew l-imwejjed u siġġijiet li hemm quddiem l-istabbiliment Starbucks f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II.

5.3.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-attività tista' sseħħ xorta waħda mingħajr ma jitneħħew imwejjed u siġġijiet. Kien hemm qbil li għandu jiġi verifikat jekk huwiex meħtieġ li dawn jitneħħew fil-Festa tal-Madonna tal-Mellieħa fil-25 ta' Settembru 2022.

5.3.4. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet li bħala parti mill-*European Mobility Week*, fit-18 ta' Settembru ser jinġieb il-Unit tal-Għoti tad-Demm f'Misraħ il-Parroċċa u fid-19 ta' Settembru ssir mixja urbana mill-persuni li jattentu ċ-Ċentru Anzjanità Attiva, filwaqt li fl-20 ikun hemm attività logħob għal kulħadd, li ser tiġi kordinata mill-Kunsillier K. Buttigieg, bl-involviment tal-Mellieħa Sports Club, f'Misraħ il-Parroċċa. Hija pproponiet li ssir *clean-up* f'post li għad irid jiġi determinat fl-20 ta' Settembru 2022, skont kif propost mill-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar.

5.3.5. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

### 5.2.1. Introduzzjoni ta' attrazzjoni fil-Park Marittimu taċ-Ċirkewwa (C/8)

5.2.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għal talba datata 12 ta' Awwissu 2022 fejn intalbet l-opinjoni tal-Kunsill dwar it-tqegħid ta' żewġ strutturi taħt wiċċ-il baħar fil-Park Marittimu taċ-Ċirkewwa. Dawn huma twal 178 cm, wesgħin 28 cm, u għoljin 15cm u huma magħmulin b'artisku mill-ħadid u ser jitpoġġew f'fond ta' 30 metru. L-istess persuna għandu l-intenzjoni wkoll li aktar 'il quddiem jniżżel 20 amfora tal-konkos.

5.2.3. Il-Kunsill ma' sabx oġġezzjoni fil-prinċipju sakemm jinġiebu l-permessi mill-awtoritajiet konċernati.

### 5.3.1. Ħsara fi proprjetà minn vetturi fi Triq Snajjin (T/3/2/Vol XVI)

5.3.1. Saret referenza għal imejl datat 28 ta' Lulju 2022, fejn resident li għandu proprjetà bejn Triq il-Ħasira u Taraġ Snajjin qed issirlu ħsara minn vetturi kbar li jkollhom jżommu ma' naħa waħda tat-triq, minħabba vetturi li jkunu pparkjat fuq in-naħa l-oħra. Għaldaqstant biex ma jintlaqtux il-gallariji ġie propost li jitneħħa l-ipparkjar fil-parti in kwistjoni.

5.3.2. Il-Kunsill kien tal-fehma li m'għandhomx jitnaqqsu l-postijiet għall-ipparkjar u għalhekk għandu jsir użu minn barrikata li teħel fuq il-bankina tal-applikant bil-għan li l-vetturi jżommu lill'hinn mill-gallariji.

### 5.4.1. Mafkar għall-Mons. Mosè Debono (M/9)

5.4.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għal ittra datata 20 ta' Lulju 2022 mibgħuta minn Kumitat *ad hoc* biex ifakkar il-memorja ta' Mons. Mosè Debono li miet fl-1 ta' Mejju 2022. Huwa ppjanat li l-monument jitwaqqaf f'Misraħ il-Parroċċa qrib il-ħajt tal-ġnien tad-Dar Parrokkjali. Il-Kumitat appella sabiex il-Kunsill jgħin f'dan il-proġett.

5.4.3. Il-Kunsill innota li huwa prekluż bil-liġi illi jikkontribwixxi finanzjarjament fi proġett li mhux tiegħu, għalkemm ma eskludiex li jista' jassisti b'mezzi oħra.

### 5.7.1. Rijabilitazzjoni tal-Knisja l-Qadima tal-Manikata (S/6/Vol VII)

5.7.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li x-xogħol tar-restawr li sar fuq ġewwa tal-knisja msemmija ser jiġi nawgurat fis-26 ta' Awwissu 2022. Il-binja ser terġa tibda tiġi wżata bħala knisja u post għal-laqgħat. Permezz ta' imejl datat 10 ta' Awwissu 2022, il-Kappillan talab lill-Kunsill jgħin biex tiġi akkwista *PA system*.

5.7.3. Il-Kunsill qabel li għandu jiġi determinat kif tista' tingħata l-għajnuna mitluba.

5.7.4. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg irrefera għall-iżvilupp li sar biswit il-knisja illi qamet kontroversja dwaru fil-medja. Huwa kkummenta l-inawgurazzjoni tal-knisja l-qadima tista' tiġi użata sabiex issir protesta kontra l-istess żvilupp. Fid-dawl ta' dan, is-Sur J. Buttigieg iddikjara li huwa mhux ser jattendi.

### 5.8.1. Sewqan perikoluż fi Triq l-Etna (T/3/2/Vol XVI)

5.8.2. Sar aċċenna għal imejl datat 18 ta' Lulju 2022, fejn resident fit-triq imsemmija talab sabiex isiru *speed humps* qrib il-kantuniera ma' Triq ix-Xehda. Intqal ukoll li seħħew diversi kolliżjonijiet fl-istess post.

5.8.3. Il-Kunsill kien tal-fehma din it-talba timmerita aktar kunsiderazzjoni u għaldaqstant qabel li għandu jintbagħat kwestjonarju lir-residenti li joqgħodu fl-akkwati tal-post indikat.

### 5.9.1. Reklamar fuq *U-Barriers* eżistenti fi Triq Ġorġ Borg Olivier (T/4/3/Vol II)

5.9.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li saret talba data 25 ta' Lulju 2022 minn Welbee's Supermarket sabiex jirreklamaw fuq il-pannelli tal-*barriers* li jinsabu f'diversi toroq.

5.9.3. It-talba ma ġietx milqugħa skont il-*policy* prevalenti, billi tali spazju għandu jservi sabiex jiġu promossi postijiet ta' interess fil-lokalità.

### 5.10.1. PA 4933/22 - Bini mill-ġdid tal-Festaval Hotel – Triq id-Dahar (P/5/8/D)

5.10.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg irrefera għall-iżvilupp imsemmi hawn fuq li jinvolvi twaqqigħ ta' struttura ta' lukanda eżistenti li tinsab fi stat perikoluż, u kostruzzjoni mill-ġdid tal-istess lukanda Klassi 3B. Il-proposta tinkludi bidliet esterni u interni biex issir lukanda li tkun konformi mal-i*standard*s u r-rekwiżiti attwali. L-iżvilupp propost jinkludi ħames sulari fuq il-pjan terran, li jikkonsistu f'*reception area*, kmamar ta' lukanda, pixxina, ristoranti, spazji għall-parkeġġ u l-faċilitajiet anċillari l-oħra meħtiega f'lukanda.

5.10.4. Minħabba s-sensitività tal-post, il-Kunsill iddeċieda li jikseb parir professjonali dwar l-iżvilupp propost *vis-a-vis policies* tal-ippjanar rilevanti fis-seħħ.

### 5.11.1. Espressjoni ta' interess – Finanzjament Milied 2022 (F/1/7/Vol V)

5.11.2. Saret referenza għal sejħa dwar espressjoni ta' interess maħruġa mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali permezz ta' Ċirkulari SPI/SCI/08/2022, datata 13 ta' Lulju 2022. L-iskop tagħha huwa li tingħata l-opportunità lill-Kunsilli Lokali jorganizzaw attivitajiet u/jew inizjattivi sabiex iservu ta' għodda bil-għan li r-residenti jkunu jistgħu jiċċelebraw dan iż-żmien kif jixraq.

5.11.3. Is-Sindku D. Vella ppropona li l-edizzjoni li jmiss tiżvolġi fuq il-kunċett ta' Villaġġ tal-Milied, mingħajr l-użu ta' tinda, f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II, fil-Bitħa tas-Santwarju, u jekk ikun hemm ħtieġa tibqa' sejra sa' Triq l-Inkurunazzjoni.

5.11.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li, kif sar fi snin preċendenti, għandha tiġi sottomessa proposta skont l-għanijiet tal-iskema sad-data tal-għeluq – id-19 ta' Awwissu 2022.

### 5.12.1. Wirja tal-arti mtella' minn Art Club 2000 (S/6/Vol IV)

5.12.2. Saret referenza għal ittra datata 5 ta' Awwissu 2022, mibgħuta mill-Art Club 2000, fejn intqal li l-għaqda ser torganizza wirja ta' arti kollettiva fil-jiem ta' qabel il-Festa tal-Vitorja fi Triq San Publiju.

5.12.3. Il-Kunsill qabel li għandu jikkontribwixxi fl-ispirtu tal-artiklu 63A u 33(o) tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363).

### 5.13.1. Tħejjijiet għal Jum il-Kunsill u Milied Mellieħi 2022 (A/5/3/1/Vol XVII) (A/5/6/6/Vol VIII)

5.13.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg ippropona li għal-edizzjoni li jmiss tal-avvenimenti msemmija jiġu mistiedna jattendu delegazzjonijiet mil-lokalitajiet tewmija ta' Cavriglia u Agia Napa. Huwa fakkar li stedina simili saret lis-Sindku ta' Adenau.

5.13.3. Il-Kunsill qabel mal-proposti mressqa.

### 5.14.1. *Cleanup The World Campaign* 2022 (F/1/7/Vol VI)

5.14.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irreferiet għall-Ċirkulari SPI/SCI/7/2022 maħruġa mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali fit-13 ta' Lulju 2022, fejn tħabbret skema li toffri sa massimu ta' €3,000 lill-Kunsilli li jixtiequ jorganizzaw attivitajiet ta' tindif fil-lokalitajietr risettivi.

5.14.3. L-istess Kunsilliera ppproponiet li ssir sessjoni ta' tindif volontarju fiż-żona ta' Selmun fl-20 ta' Settembru 2022 wara nofsinhar. Hija ppproponiet Triq Selmun bejn il-Park tal-Familja u l-Palazz ta' Selmun.

5.14.4. Il-Kunsill approva l-proposta.

### 5.15.1. Sigra fi Triq l-Għollieqa (C/6/Vol VIII)

5.15.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ġibdet l-attenzjoni dwar il-ħtieġa li titneħħa siġra mejta fil-belveder ta' Triq l-Għollieqa. Talbet ukoll li ssir tindifa tal-parti fejn hemm il-ħamrija.

5.15.3. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota sabiex tittieħed azzjoni.

### 5.16.1. *Bin-on-wheel* fuq il-Moll tat-Tunnara (K/6/2/Vol V)

5.16.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar aċċennat għall-kwantità ta'skart li qed jitħalla fejn l-*bin-on-wheel* fil-post imsemmi. Hija qalet li r-residenti li hemm fil-qrib huma moqdija bis-servizzi normali li jingħataw bieb-bieb, filwaqt li l-parti l-kbira jġibuħ minn juża l-moll, jew minn residenti li ma josservawx il-ġranet tal-ġbir. Għaldaqstant ipproponiet li fis-sajf 2023 ma terġax titpoġġa.

5.16.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

### 5.17.1. *Book box* fil-Park tal-Familja (L/4/Vol III)

5.17.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ġibdet l-attenzjoni li l-bieba tal-faċilità msemmija mhux tingħalaq tajjeb, filwaqt li ppropniet li ssir xkaffa oħra fil-parti t'isfel tagħha.

5.17.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono ħa nota.

### 5.18.1. Kampanja "*Pink October Campaign 2019*" (K/11)

5.18.2. Sar aċċenn għal imejl datat 28 ta' Lulju 2022, li permezz tiegħu l-Marigold Foundation – BOV in the Community appellaw sabiex matul ix-xahar ta' Ottubru kollu jinxtegħel dawl rosa fuq xi bini prominenti fil-lokalità b'appoġġ għall-kampanja magħrufa bħala *Pink October - Movember '22 Campaign* li hija ntiża sabiex ikun hemm għarfien dwar il-kanċer f'diversi organi tal-ġisem, kemm fl-irġiel u n-nisa.

5.18.3. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu sehem billi jinxtegħel il-monument tal-Kunsill fi Triq Edward Camilleri u Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II.

### 5.19.1. Għarfien dwar il-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet (K/11)

5.19.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għal imejl datat 21 ta' Lulju 2022 mibgħut mill-Kummissjoni fuq Vjolenza tal-Ġeru u Vjolenza Domestika, fejn l-istess kummissjoni stiednet lill-Kunsill sabiex jipparteċipa f'din il-kampanja billi jorganizza attivitajiet intiżi sabiex jiżdied l-għarfien dwar din il-pjaga soċjali. It-tema magħżula għall-2022 hija *"Il-vjolenza domestika hi affari ta' kulħadd."*.

5.19.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.20.1. *Skateboard ramps* fil-Park tal-Familja (P/4/6/Vol VI)

5.20.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg għarraf li huwa ġie avviċinat minn dirigent tal-Malta Street Sports Association dwar l-introduzzjoni ta' aktar faċilitajiet addattati għal-i*skateboarding*. Huwa qal li l-laqgħa se ssir fid-19 ta' Awwissu 2022.

5.20.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono fakkar li diġa kien hemm kuntatti ma' l-assoċjazzjoni msemmija tramite r-Reġjun Tramuntana. Kien anke ġie identifikat x'tip ta' faċilitajiet jistgħu jiżdiedu. Abbażi tad-disinji li kienu ġew mgħoddija, il-Kunsill kien iddeċieda li ssir rampa twila 4.88 metri, u li tilħaq għoli massimu ta' 0.35 metri. Din id-deċiżjoni kienet ittieħdet fid-dawl tal-fatt li l-park jintuża għal attivitajiet varji, kif ukoll l-ħsejjes li jistgħu jiġu ġġenerati bl-i*skateboarding*.

5.20.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**6.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier K. Buttigieg, li tgħid:**

***"Billi fis-Seduta Nru. 14 tal- 18 ta' Lulju 2022 ġiet mgħoddija riżoluzzjoni sabiex jingħata kuntratt lill-offerent Aretrop Ltd wara sejħa għal offerti MLC 4/2021; li tinvolvi xogħlijiet ta' tiswija u manutenzjoni fil-multi-purpose court li jifforma parti mill-Park tal-Familja, Triq Ġużè' Flores;***

***Billi l-istess offerent baqa' ma ssottomettiex l-kampjuni mitluba fid-dokument tal-offerta sad-dati stipulati;***

***Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jirrevoka r-riżoluzzjoni msemmija.".***
***(P/4/6/Vol VI)***

6.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier M. Abela.

**7.1. Permessi għal tqegħid ta' imwejjed u siġġijiet fil-perjodu tal-Festa tal-Vitorja f'Misraħ il-Parroċċa u fi Triq l-Għoljiet** **(F/2/Vol VII)**

7.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għal imejl datat 5 ta' Awwissu 2022, fejn l-operatur tal-Gastro Square Bar aċċenna għan-notifika mogħtija lilu sabiex fl-1 ta' Settembru 2022 iżarma l-imwejjed u siġġiet koperti b'permess permanenti mill-Awtorità tal-Artijiet. Fid-dawl ta' dan, l-istess operatur talab lill-Kunsill sabiex jintgħata permess temporarju biswit l-area koperta bil-permess permanenti.

7.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li t-talba ma tistax tiġi milqugħa, peress li l-post indikat jinsab quddiem proprjetà ta' terzi.

7.3. Saret referenza mill-operatur ta' Billy's Sports Bar & Kitchen sabiex fit-8 ta' Settembru 2022 tingħalaq Triq l-Għoljiet, bejn Triq in-Naħal u Triq l-Etna, mit-3.00pm u nofs il-lejl. Intqal ukoll li: (a) l-parkeġġ mhux ser jiġi affettwat; (b) mhux ser tindaqq mużika; (ċ) lesti jpoġġu żewġ *mobile toilets, litter bins*; (d) u jinġiebu uffiċjali tal-komunità biex jikkontrollaw it-traffiku.

7.4. Il-Kunsill ma laqax it-talba minħabba l-volum ta' traffiku li jgħaddi mil-*junction* ta' Triq l-Għoljiet/Triq in-Naħal/Triq l-Etna, l-inkonvenzi għar-residenti, kif ukoll il-*minibus shuttle* li ser tkun qed taħdem bejn Triq l-Għoljiet u Triq Edward Camilleri.

**8.1. Sejħa għall-Offerti MLC 5/2022 – Tiswijiet u manutenzjoni fil-faċilitajiet eżistenti taħt il-*multi-purpose court* fil-Park tal-Familja** **(P/4/6/Vol VI)**

8.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono, għarraf li s-sejħa għalqet fil-5 ta' Lulju 2022 u saru l-offerti segwenti:

| Offerent | Prezz mingħajr il-VAT |
|---|---|
| Christian Bezzina | 34,776.00 |
| iProjects Ltd | 36,010.00 |
| George Vella | 39,900.00 |
| Aretrop Ltd | 51,560.00 |

8.3. Is-Segretarju għarraf li biex ma jintilifx żmien, diġa tlaqqa l-Kumitat ta' Evalwazzjoni u ntalbu xi kjarifiki mingħand l-offerenti kollha sabiex ikun jista' jsir rapport tekniku mill-perit inkarigat. It-tielet laqgħa tal-Kumitat ser issir fil-25 ta' Awwissu 2022.

8.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 9.1. Rendikont finanzjarju – Jannar / Ġunju 2022 (F/1/1/Vol IV)

9.2. Il-Segretarju Eżekuttiv C. Debono aċċenna għall-fatt li l-istqarrijiet finanzjarji għall-2021 ġew sottomessi mill-udituri għall-approvazzjoni tal-Kunsill proprju fil-kontinwazzjoni tas-seduta preċedenti u għaldaqstant ir-rendikonti tat-tliet xhur: Jannar/Marzu u April/Ġunju 2022 tresqu daqshekk tard.

9.3. Ġie spjegat li d-dħul tal-Kunsill matul il-perjodu Jannar/Ġunju 2022 kien jammonta għal €711,354, u jikkonsisti f'€677,114 bħala Allokazzjoni tal-Gvern Ċentrali, €30,854 bħala ħlasijiet relatati ma' attivitajiet li jeħtieġu l-ħruġ ta' permessi mill-Kunsill Lokali, u €3,386 kienu relatati mal-Infurzar tal-Liġi u dħul ieħor.

9.4. Kompla jgħid li l-valur tal-Assi Kurrenti naqas b'€48,592 meta mqabbel mat-tliet xhur ta' qabel u niżel għal €2,086,430. Dawn kienu jikkonsistu fi Flus u Ekwivalenti ta' Flus li jammontaw għal €2,010,669, Inventarji (Stokks) kien hemm €24,058 u sommom li l-Kunsill kellu xi jdaħħal, li jammontaw għal €51,703.

9.5. L-Obbligazzjonijiet Kurrenti Netti komplew jonqsu meta mqabbla mat-tliet xhur ta' qabel, hekk li minn €876,242, niżlu għal €715,046. Dawn kienu magħmulin minn sommom li kellu jħallas il-Kunsill (€214,012), u dovuti (€155,410) fir-rigward ta' nefqa li tkun saret, iżda mhux fatturata sal-aħħar Ġunju 2022. Kien hemm ukoll Dħul Differit ta' €345,624 li jirriżulta minn avvanz bikri ta' fondi relatati ma' skemi ta' finanzjament.

9.6. In-nefqa kienet tikkonsisti f'€112,555 fuq Emolument Personali, €288,851 fuq Operazzjonijiet u Manutenzjoni, €25,328 fuq Amministrazzjoni, filwaqt li Deprezzament fuq assi permanenti kien ikkalkulat għal €141,197.

9.7. Is-Sur C. Debono spjega li meta wieħed iqis in-nefqa totali ta' €567,931, minn Jannar sa' Ġunju 2022 irriżulta *surplus* ta' €143,424. Meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni dawn il-parametri kollha, l-Indikatur tas-Sitwazzjoni Finanzjarja żdied b'9% fuq it-tliet xhur preċedenti u laħaq 109%.

9.8. Ġew miżjuda €46,088 ta' Assi Permanenti mill-bidu tas-sena finanzjarja, filwaqt li ma ġewx ikkanċellati ebda assi. L-ispiża tax-xiri tal-Assi Permanenti kollha akkwistati mill-Kunsill kienet ta' €10,453,608 li kellhom valur nett fuq il-kotba ta' €1,979,239 sa tmiem il-perjodu taħt reviżjoni.

9.9. Il-Kunsill innota l-kontenut taż-żewġ rapporti mressqa u l-ispjegazzjonijiet li saru. Kien maqbul ukoll li dawn għandhom jittellgħu fis-sit elettroniku: https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/PublicationsList/Quarterly%20Financial%20Report_2_2021.pdf

## 10.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti

10.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 18 ta' Awwissu 2022.

10.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal, skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

10.4. Tressqet skeda ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash* bejn it-28 ta' Ġunju u s-16 ta' Awwissu 2022.

10.5. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri bejn is-16 ta' Lulju u d-19 ta' Awwissu 2022.

10.6. Il-Kunsill approva l-akkwist u l-pagamenti kollha fit-tliet skedi msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes-List.aspx

## AĠĠORNAMENT

Bi ftehim bejn il-Kunsillieri kollha, is-seduta spiċċat fl-10:10pm, u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 27 ta' Settembru 2022 fis-6:00 pm.

Dario Vella
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**